MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 805/2004

**Dr. Andrew Borg Cardona bhala mandatarju tas-socjeta` estera Rothmans of Pall Mall Ltd.**

**vs.**

**Dr. Leslie Cuschieri u l-P. L. Veronica Rossignaud b'digriet tad-29 ta' Novembru 2004, gew mahtura Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw is-socjetajiet esteri:**
**1. Ryad Alsalheen Trading ghan-nom ta' liema socjeta' b'nota datata 10 ta' Novembru 2004 Dr. Anthony Ellul assuma l-atti u b'digriet tas-17 ta' Novembru 2004 l-istess Qorti ordnat li tali assunzjoni ta' l-atti da parte ta' Dr. Anthony Ellul ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Ryad Alsalheen Trading tigi riflessa fl-okkju tal-kawza;**
**2. Al Mursheed Co.**
**3. Al Rowad Shipping Agency**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 22 ta' Ottubru 2004 a fol. 1 tal-process ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi fl-10 ta' Ottubru 2004 waqt spezzjoni ta' rutina fil-*Malta Free Port* mid-Dwana, infetah il-*container* numru 771602/6, li skond il-manifest kellu gewwa fih *'general merchandise'* destinat ghal Benghazi, Lybia minn Dubai.

Illi rrizulta illi fil-*container* kien hemm konsenja sigaretti, fosthom ghadd ta' kaxxi li go fihom kien hemm sigaretti tal-marka *Rothmans Royals* li taghhom l-attur *nomine* hu r-*rights holder* fil-kuntest tat-*trade mark*.

Illi d-Dwana zammet il-konsenja peress illi l-istess Dwana kellha suspett illi l-konsenja kienet attwalment destinata biex tigi mportata illecitament gewwa Malta u kien hemm bzonn ta' aktar investigazzjoni dwar dan.

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz, fosthom id-dikjarazzjoni inveritiera fuq il-manifest, il-fatt illi s-sigaretti kienu ppakkjati go kaxxi invertiti (*cioe`* bil-marka tal-prodott minn gewwa flok minn barra) il-fatt illi l-prodott ma kellux fuqu l-*health warning* rikjest gewwa l-Lybia u l-fatt illi s-sigaretti ppakkjati b'dan il-mod gieli gew fid-deher fis-suq Malti, l-attur *nomine* huwa tal-fehma illi hemm ksur ta' l-**artikolu 10 (6) *proviso* tal-Kap 416** mill-konvenuti jew min minnhom kif jigi muri waqt is-smiegh.

Illi *ai termini* ta' l-istess **Kap 416**, il-konsenja ghandha tigi distrutta.

Illi l-konvenuti jew min minnhom huma *declarants* fis-sens rikjest mill-**Kap 414.**

Illi l-attur *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana biex izomm il-konsenja sakemm jigu konkluzi dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk l-istess attur *nomine* talab lill-konvenuti jew min minnhom jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-ispedizzjoni u/jew ricetazzjoni tal-konsenja ta' sigaretti maqbuda mid-Dwana fic-cirkostanzi kif premess tikkostitwixxi uzu ta' *trade mark* bi ksur tad-drittijiet ta' l-attur *nomine* kif protetti mill-**Kap 416.**

2. Tordna illi l-istess konsenja tigi distrutta fi zmien perentorju li jigi ffissat mill-Qorti u dan b'tali mod illi ma tidholx fis-suq u dan *ai termini* tal-**Kap 416.**

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti jew min minnhom imharrkin minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti konsistenti f'Dok. "A" – kopja ta' l-awtorizazzjoni ta' l-attur *nomine* u Dok. "B" – kopja ta' ittra lill-Kontrollur tad-Dwana;

Rat in-nota ta' l-avukat Dr. Anthony Ellul datata 10 ta' Novembru 2004 a fol. 9 tal-process li b'riferenza ghal bandu ghall-hatra ta' kuraturi fil-kawza fl-ismijiet imsemmija fuq premessa, ddikjara li huwa kien qieghed jassumi l-atti tal-kawza in rapprezentanza tas-socjeta' Ryad Alsalheen Trading assenti minn Malta.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh nhar it-3 ta' Dicembru 2004 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-11 ta' Frar 2005.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Anthony Ellul *nomine* datata 16 ta' Dicembru 2004 a fol. 25 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni in kwantu l-attur *nomine* jilmenta li *"l-prodott ma kellux fuqu l-health warning rikjest gewwa l-Libya".*

2. Illi l-eccipjenti ma kisru l-ebda dispozizzjoni tal-ligi dwar it-*Trademarks*. Kif jirrizulta minn qari tac-citazzjoni, l-azzjoni ta' l-atturi *nomine* hija kollha bbazata fuq kongetturi u suppozizzjonijiet.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut noe a fol. 25 u 26 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenut Dr. Anthony Ellul nomine** datata 16 ta' Dicembru 2004 a fol. 26 tal-process fejn espona:-

Illi l-attur *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jaqbad hames mija u sebgha u ghoxrin (527) kaxxa Rothmans Royals minn gewwa l-*container* bin-numru XXXX7716026 li kien destinat ghall-port ta' Benghazi, Libya;

Illi sallum dawn l-oggetti ghadhom fil-pussess tal-Kontrollur tad-Dwana;

Illi l-konvenut *nomine* sofra u ghadu qieghed isofri danni minhabba l-agir ta' l-attur *nomine*;

Illi l-attur *nomine* debitament interpellat sabiex jirtira t-talba tieghu, baqa' inadempjenti;

Illi ghalhekk il-konvenut *nomine* talbu lill-attur *nomine* jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur *nomine* minhabba l-agir ta' l-attur *nomine* prevja dikjarazzjoni ta' responsabbilta` min-naha ta' l-attur *nomine*.

2. Tikkundanna lill-attur *nomine* jhallas dik is-somma li tigi hekk likwidata mill-Qorti bhala hlas ta' kumpens ghall-agir ta' l-attur *nomine.*

Bl-ispejjes kontra l-attur *nomine* li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kontro-talba tal-konvenut Dr. Anthony Ellul *nomine* u l-lista tax-xhieda a fol. 27 tal-porecess liema xhieda huma kollha ndikati fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut *noe.*

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Dottor Leslie Cuschieri u l-P.L. Veronica Rossignaud datata t-22 ta' Dicembru 2004 a fol. 32 tal-process fejn eccipew:-

1. Illi b'digriet tad-29 ta' Novembru 2004, huma gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Ryan Alsalheen Trading, Al Mursheed Co. U Al Rowad Shipping Agency, ghalkemm b'digriet tas-17 ta' Novembru 2004 Dottor Anthony Ellul kien assuma l-atti tal-kawza in rapprezentanza ta' Ryad Alsalheen Trading.

2. Illi huma m'ghandhomx mezz kif jikkomunikaw mar-rapprezentanti tas-socjetajiet minnhom rapprezentati u ghalhekk mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern.

3. Illi ghalhekk huma jirrizervaw li jeccepixxu ulterjorment.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti *nomine* u l-lista tax-xhieda a fol. 32 u 33 tal-process.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' l-attur ghal kontro-talba tal-konvenut fejn eccepixxa:-

(1) Illi preliminarjament it-talba hija nulla *stante* illi l-konvenut *nomine* ma jindika mkien ghan-nom ta' min qed jagixxi, liema eccezzjoni tapplika wkoll, *mutatis mutandi*, fir-rigward ta' l-eccezzjonijiet moghtija mill-istess konvenut.

(2) Illi wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju l-konvenut irid jaghti prova li hu debitament mahtur, sakemm ma ghamilx dan meta assuma l-atti, dwar liema fatt l-eccipjent mhuwiex edott f'dan l-istadju. Is-semplici

dikjarazzjoni ta’ Dr. Ellul li hu debitament awtorizzat ovvjament tkun adegwata biex tissana dan ir-rekwizit.

(3) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju, it-talbiet rikonvenzjonali huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda *stante* illi l-attur mexa dejjem skond id-drittijiet moghtija lilu mil-ligi u minghajr abbuz ta’ tali drittijiet.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur ghal kontro-talba tal-konvenut a fol. 36 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-11 ta’ Frar 2005 u tat-12 ta’ April 2005 fejn Dr. Andrew Borg Cardona irtira l-ewwel zewg eccezzjonijiet ghal kontro-talba a fol. 35 tal-process. Il-partijiet *tramite* d-difensuri qablu li mhux kontestat il-fatt li l-atturi huma propjetarji u dan “presumibbilment ghat-*trademark* ta’ *Rothmans Royals”.*

Rat il-verbali l-ohra kollha tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri sat-2 ta’ Dicembru 2005 (fol. 158) fejn fuq talba tal-konvenut Ryad, mhux opposta, awtorizzat lill-istess jipproduci bhala xhud lil Raymond Mifsud u l-kawza giet differita ghat-12 ta’ Jannar 2006 ghall-kontinwazzjoni.

Rat ix-xhieda mismugha quddiem din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ta’ George Agius, fizzjal tad-Dwana, prodott mill-attur a fol. 40 u a fol. 59 tal-process fejn esebixxa dokument li huwa manifest tal-vapur ta’ Iran Hesabi u li gie mmarkat bhala Dok “GA” u erba’ ritratti li huma mmarkati minn Dok “G 1” sa Dok “G 4” in konnesjoni ma’ l-istess kaz. Ix-xhieda ta’ Ronald Abela prodott bhala xhud in kontro-ezami fis-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2005 (fol. 136). Ta’ Adrian Baldacchino prodott mill-konvenut u li pprezenta ukoll dokument li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok ”X1” fis-seduta tat-2 ta’ Dicembru 2005 (fol. 158).

Rat in-nota ta’ l-attur *noe* datata 12 ta’ April 2005 a fol. 48 tal-process li biha filwaqt li ghal kull *buon fini* irriserva l-kontro-ezami favur il-konvenuti esebixxa l-anness affidavits ta’ Ronald Abela li huwa mmarkat bhala Dok “RA 1”.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tat-12 ta’ Jannar 2006 a fol. 165 tal-process fejn xehed Raymond Mifsud u pprezenta tliet dokumenti li gew immarkati Dok “RM 1”, Dok “RM 2” u Dok “RM 3”. Id-difensuri qablu li fuq barra tal-kartuna m’hemm l-ebda *health warning*. Id-difensuri talbu li tali kartuna sigaretti tinfetah biex jigi ezaminat x’pakketti hemm fija u x’marki hemm fuq l-istess pakkett. Il-Qorti ordnat li dan isir quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli fil-prezenza tal-partijiet u d-difensuri taghhom u l-istess Assistent Gudizzjarju ghandha tirregistra l-process shih tal-ftuh ta’ l-istess kartuna u x’hemm fiha. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-22 ta’ Gunju 2006.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli tat-18 ta’ April 2006 fejn xehdu Ronald Abela u George Agius, rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana prodott mill-konvenut.

Rat in-nota ta’ l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli datata 19 ta’ Gunju 2006 a fol. 198 tal-process li biha informat lill-Qorti li l-provi gew konkluzi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tat-22 ta’ Gunju 2006 a fol. 202 tal-process fejn il-Qorti irrelevat li fuq rikors ta’ l-attur diga` tat id-digriet taghha ghall-prezentata tan-nota ta’ osservazzjonijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta’ Dicembru 2006.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-attur *noe* datata 21 ta’ Lulju 2006 a fol. 203 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-avukat Dr. Anthony Ellul *noe* datata 17 ta’ Awissu 2006 a fol. 209 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-attur tal-25 ta’ Settembru 2006.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi f’din il-kawza s-socjeta’ attrici qed tallega li minhabba l-mod kif l-imsemmija konsenja ta’ sigaretti tal-marka Rothmans Royals kienet stivata fil-*container* imsemmi, u wkoll minhabba dak indikat fic-citazzjoni attrici, kien hemm ksur tad-drittijiet tas-socjeta’ attrici bhala proprjetarja tat-*trademark* u senjatament il-ksur ta’ l-**artikolu 10 (6) tal-Kap 416 tal-Ligijiet ta’ Malta** u allura talbet dikjarazzjoni fis-sens li l-ispedizzjoni u/jew ricettazzjoni ta’ l-imsemmija konsinna ta’ sigaretti tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tas-socjeta’ attrici protetti skond l-**Kap 416,** u konsegwentement tordna li l-istess kunsinna tigi distrutta.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-*container* 771602/6 li kien tnizzel minn fuq il-vapur “Hesabi”, li kien wasal Malta fid-9 ta’ Ottubru 2004, kien inzamm mid-Dwana fil-Freeport sabiex isiru verifiki fuq il-kontenut tieghu, u dan peress li fuq il-manifest tal-merkanzija mahruga mill-linja tal-vapuri “Islamic Republic” u “Veran Shipping Lines” (vjagg numru ECL1214M datat 5 ta’ Ottubru 2004) l-kontenut tal-*container* kien iddikjarat li jikkonsisti f’*”general merchandise”;* kien ukoll dikjarat li l-istess *container* kien mibghut minn “North Africa Shipping” P.O. Box 280086 Dubai UAE u kien destinat ghas-socjeta’ “Al Rowad Shipping Agency”, Benghasi, Libja. Kellu s-sigill intatt bhala dak indikat fil-manifest numru 009374 u kien hemm sigill iehor 0144140.

Illi fl-10 ta’ Ottubru 2004 jirrizulta li l-*container* gie miftuh mill-Ufficjali tad-Dwana fuq suspetti li huma kellhom anke minhabba dak li kien qed jirrizulta meta l-*container* kien skenjat mill-X-Ray Trakk tad-Dwana, peress li deher li kien hemm densita’ differenti fuq il-quddiem tal-*container* meta mqabbla mal-partijiet l-ohra ta’ l-istess u meta nfetah l-istess *container* instab li fuq quddiem kien hemm xkejjer kbar ta’ kulur griz u fihom kien hemm *master cases* ta’ 10,000 sigarett il-wahda go kull xkora, b’dan li l-kartuna ta’ barra kienet *blank*, waqt li gio fihom kien hemm 10,050 stekka ta’ sigaretti tal-marka *Rothmans Royals*, u li minn gewwa l-istess kartuna kellha l-*print* li normalment tkun fuq barra.

Illi minhabba dan kollu gie decz minn ordni superjuri, dejjem skond ix-xhieda ta’ George Agius, fizzjal tad-Dwana, li l-*container* jissakkar, jitwaqqaf il-vjagg u jsiru iktar ezamijiet fuqu. Minhabba f’hekk l-istess *container* gie ssigillat mid-Dwana b’sigill numru 11602, u 03, waqt li l-agenti tal-vapur ghamlu s-sigill taghhom numru 0665470. Dan sar kollox fil-presenza ta’ rappresentant ta’ l-agent tal-vapur.

Illi ma’ dan irid jinghad li l-manifest gie esebit bhala Dok. “G1” fejn hemm indikat li l-istess *container* kellu fih *“general merchandise”* u dan minn fol. 62 tal-process u dan kien determinati sabiex d-Dwana jzomm l-istess *container* u dan peress li ma kienx hemm deskrizzjoni sewwa u preciza ta’ l-oggetti li kien hemm fl-istess *container* u b’hekk jidher car li d-Dwana wzat il-poteri taghha naxxenti mill-**Kap 37 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Illi dwar l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna gew ukoll esebiti erba’ ritratti li juru kif kien il-*container*, li juru kif l-istess sigaretti kienu stivati l-istess kaxxex fi xkejjer grizi u wkoll kif dawn instabu wara li nfetah il-*container*, u l-kontenut ta’ l-istess – kollox f’Dok. “G1’ sa “G 4” a fol. 133 tal-process.

Illi fil-fatt l-istess xhud ufficjal tad-Dwana ma jhalli l-ebda dubju dwar dan meta fix-xhieda tieghu jghid hekk:-

*“Is-Sur Roderick Bonnici bhala rapprezentant ta’ l-agent tal-vapur nghata l-ircevuta tad-Dwana u nnotifikat li l-container u l-kontenut tieghu gew mizmuma mid-Dwana ghall-aktar investigazzjonijiet skond l-Ordinanza tad-Dwana – Kapitolu 37”.*

Illi aktar tard l-istess xhud sostna hekk fuq domanda ta’ Dr. Anthony Ellul:-

*“Dr. Ellul:- Inti ghidtilna illi dan inzamm minhabba xi ksur minn naha ta’ l-Ordinanza dwar id-Dwana, Kap 37, sewwa?”*

*Xhud:- Sewwa.*

*Dr. Ellul: Inti l-ksur li kien hemm diskrepanza bejn dak li inghad fil-manifest ghal dak li sibtu intom?*

*Xhud:- Ezattament, deskrizzjoni tal-kontenut”.*

Illi jidher li apparti ammonti ta’ ditti ohra ta’ sigaretti, l-istess *container* kellu fih 527 kaxxa ta’ 10,000 sigarett il-wahda *Rothmans Royals*. L-imsemmi Ufficjal tad-Dwana jghid li kien biss fil-25 ta’ Ottubru 2004 li d-Dwana rceviet ittra datata 22 ta’ Ottubru 2004 mibghuta minn Dr. Andrew Borg Cardona bhala rapprezentant tas-socjeta’ li ghandha d-dritt fuq il-marka *Rothmans Royals* li kienu ser jittiehdu passi legali skond il-**Kapitolu 414 u 416 tal-Ligijiet ta’ Malta** u ghalhekk saret talba sabiex is-sigaretti *Rothmans Royals* jibqghu jkomplu jinzammu fid-Dipartiment tad-Dwana. Bhala fatt jidher li l-istess sigaretti baqghu ghand id-Dwana.

Illi jirrizulta wkoll li minn ezamijiet li saru fuq l-istess sigaretti mis-socjeta’ Central Cigarettes Company Limited li tali sigaretti ma kienux foloz u fil-fatt kienu manifatturati mis-socjeta’ attrici.

Illi dawn it-testijiet saru peress li appuntu fl-10 ta’ Ottubru 2004, John Mifsud bhala l-Kontollur tad-Dwana nforma lill-Ronald Abela, li huwa l-*General Manager* tas-socjeta’ Central Cigarettes Company Limited u *manufacturing*

*plant* f’Malta ta’ British American Tobacco (BAT) f’Malta, li hija r-*rights holder* tad-*trademark “Rothmans Royals”* b’dawn l-avvenimenti u li kien hemm suspetti fuq in-natura ta’ l-istess merkanzija li ma kienitx sew dikjarata u wkoll minhabba l-mod kif kienet mahzuna u stivata fil-*container;* fil-fatt l-istess Kontrollur tad-Dwana kkonferma max-xhud li s-sigaretti ta’ l-istess ditta kienu nstabu ppakjati go kaxxex invertiti (*master cases* – li min-naha taghhom ikunu go boroz tal-*plastic* qishom *garbage bags* suwed), bil-marka tal-prodott fuq il-*Master Cases* minn gewwa u mhux minn barra, li jindika li wara li gew ippakkjati dawn infethu u gew ippakjati mill-gdid bil-kaxex maqlubin. Kull kaxxa jkollha 10,000 sigarett.

Illi kien hawn li b’kollaborazzjoni mad-Dwana, l-istess socjeta’ Maltija ghamlet ezami fuq l-istess sigaretti sabiex jigi ezaminat id-*data code* taghhom, li tkun kemm fuq il-kaxxex u kemm fuq il-pakketti ndividwali, kif ukoll fuq il-*master case*, u biex sar dan kellhom jittiehdu l-fabbrika tal-kumpanija. Gie sadanittant ikkonfermat mill-istess xhud in kontro-ezami li d-Dwana kienet zammet din il-merkanzija peress li l-Kontrollur tad-Dwana qallu li l-istess merkanzija ma kienitx dikjarata bhala sigaretti u dan fid-dokumenti relattivi u ovvjament hawn qed issir riferenza ghal dak li gja nghad dwar il-manifest.

Illi minn dan l-ezami rrizulta li s-sigaretti kienu genwini, mahduna f’Southampton mis-socjeta’ attrici u kienu esportati lejn is-Somalia – mis-Somalia, skond l-istess xhud, dawn gew ippakjati bil-mod indikat mill-gdid ghad-Dubai u minn hemm gew il-*Freeport Malta.* Jirrizulta li dan ix-xoghol kellu jkun ikkonsmat gewwa s-Somalia u mhux minn xi pajjiz iehor. Wara l-istess ezami s-sigaretti ttiehdu lura d-Dwana. Barra minn dan gie nnutat li l-*health warning* li kien hemm fuq dawn il-pakketti ta’ sigaretti ma kenitx konformi mal-ligi ta’ Malta u lanqas ma dik tal-Libja, ghalkemm legali gewwa s-Somalia.

Illi minhabba dan kollu s-socjeta’ attrici ghamlet it-talba lid-Dwana sabiex tali merkanzija tinzamm peress li kellhom suspett li din il-konsenja kienet ser tintuza’ bi ksur tad-drittijiet tar-*rights holder,* u dan ghaliex skond l-istess

socjeta` tali konsenja ta’ sigaretti kienet tali li tindika li kienet ser tintuza’ ghall-skopjiet li jiksru l-ligi tad-*trademarks* u dan billi kienet ser tiddahhal f’postijiet, li setghet kienet Malta, fejn l-istess konsinna kienet ser tevadi l-ligijiet tal-pajjiz, anke minhabba l-mod kif l-istess merkanzija ppruvat tinheba, u wkoll bi ksur tal-ligi, peress li tali merkanzija kif kienet maghmula bil-*health warning* indikata, kienet ser tkun imqassma kontra d-disposizzjonijiet attwali tal-ligi; dan peress li tali pakketti bl-avviz kif indikat kien konformi biss mal-ligi tas-Somalia. Ix-xhud jghid li dan wasal ghalih minhabba dak li jallega li kien sar f’kazi simili bhal dak odjern fejn iddahlu sigaretti Malta llegalment u dan minkejja s-sigurezza li jghid li kien hemm fil-Freeport.

Illi fil-fatt huwa jallega li l-iskop kollu ta’ l-operazzjoni kien li dawn is-sigaretti ma jinbieghux is-Somalia fejn kienu destinati, izda li jinbieghu f’pajjiz iehor, u dan minghajr ma jigu identifikati, u ghalhekk kien hemm il-manuvra li jitqeghdu f’kaxxi bil-maqlub fejn ma tkunx tidher il-marka, u dan sabiex hadd ma jinduna bihom – ghalhekk il-kaxxi gew imdawwrin u ghalhekk tpoggew f’boroz tal-*plastic.* Ikkonferma li minn Mejju 2004 tali tip ta’ sigaretti bil-*health warning* simili ghal dik fuq l-istess pakketti ma tistax tinbiegh Malta.

Illi min-naha l-ohra x-xhud Raymond Mifsud, prodott mis-socjeta’ konvenuta xehed fit-12 ta’ Jannar 2006 li huwa fis-16 ta’ Frar 2005 xtara kartuna sigaretti *Rothmans* homor (Dok. “RM 1“) b’*warning* simili mill-Ajruport ta’ Malta huwa u gej lura Malta mill-Egittu. Dwar dan hemm ix-xhieda ta’ Ronald Abela li jaghti l-versjoni tieghu dwar l-istess marki ta’ avviz dwar is-sahha li ghalkemm jistghu jinstabu Malta, xorta wahda jghid li mhux permessi hawn Malta, skond il-ligi nostrali wara d-dhul ta’ Malta fl-Unjoni Ewropea.

Illi minn dan kollu din il-Qorti thoss li dak li gie ppruvat f’din il-kawza kien fl-ewwel lok li l-Kontrollur tad-Dwana iddecieda li jzomm l-istess merkanzija u jaghmel investigazzjonijiet ulterjuri dwarha minhabba li skond il-manifest ma kienx jirrizulta li l-istess merkanzija kienet

deskritta bhala dik konsistenti f'sigaretti izda biss bhala *general merchandise* u x-xhieda tar-rappresentant tad-Dwana George Agius hija cara dwar dan meta jghid li l-istess merkanzija kienet mizuma mid-Dwana abbazi tal-poteri li hija ghandha skond id-disposizzjonijiet tal-**Kap 37;** fil-fatt jghid li l-istess Dwana harget ricevuta ta' dan lir-rappresentant ta' l-agent tal-vapur Raymond Bonnici; dan deher iktar serju minhabba l-mod kif l-istess sigaretti kienu gew mahzuna fl-istess *container* li kienu jaghtu lok ghal suspett ta' xi haga llegali u dan meta jirrizulta li bil-mod kif gew stivati l-istess sigaretti, bil-mod kif deskritt, kien jidher car li kien qed isir tentattiv sabiex ma jkunx skopert li l-istess merkanzija kienet fil-fatt konsistenti f'sigaretti.

Illi huwa f'dan ix-xenarju li ghandha tigi ezaminata l-azzjoni attrici u l-kontro-talba tal-konvenut Dr Anthony Ellul *nomine,* u din il-Qorti thoss li l-azzjoni attrici giet ippruvata u dan peress li jidher car li ghalkemm l-oggetti kienu genwini, l-uzu taghhom fic-cirkostanzi kollha ppruvati mis-socjeta' attrici kien detrimentali ghax-xorta distintiva u r- reputazzjoni ta' l-istess *trademark*, iktar u iktar meta jidher car li l-mod kif saret l-operazzjoni ta' stiva ta' l-istess sigaretti u d-dokumenti li akkumpanjaw l-istess *container*, senjatement fil-manifest, kien intiz sabiex l-istess sigaretti, ma jigux identifikati bhala tali, bl-iskop li jigu spaccati f'post differenti ghal kollox mid-destinazzjoni originali taghhom fis-Somalia, tant li jirrizulta li dawn kienu destinati ghal-Libja, anke jekk il-format dwar *health warning* fuq l-istess pakketti ma kienitx legali la fil-Libja u lanqas f'Malta.

Illi dwar dan is-socjetajiet konvenuti ma jghidu xejn u mkien ma jaghtu spjegazzjoni ghaliex tali merkanzija destinata u manufatturata sabiex tispicca s-Somalia, giet ippakkjata b'tali mod deskritt, u mibghuta f'pajjiz iehor, sabiex minn hemm tigi Malta, u finalment tispicca l-Libja. Fil-fatt dwar dan ma hemm spjegazzjoni ta' xejn, u fil-fatt l-istess socjetajiet konvenuti lanqas biss jindikaw li l-istess oggetti nzammu mid-Dwana fl-ewwel lok minhabba n-nuqqas ta' deskrizzjoni sew ta' l-istess oggetti, u dan skond il-poteri ta' l-istess Dwana abbazi tal-**Kap 37.**

Illi fil-fatt l-istess socjeta' konvenuta kif rappresentata fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha datata 17 ta' Awissu 2006 tghid li l-azzjoni attrici hija bbazata fuq kongetturi, izda din il-Qorti thoss li l-mod dettaljat ta' kif instabet il-merkanzija u kif l-istess kienet stivata bl-iskop car li ma tigix identifikata mhux kaz ta' kongettura u supposizzjoni, izda prova ta' fatt li jwassal ghall-konkluzjoni ta' destinazzjoni u agir illegali *da parte* tas-socjetajiet konvenuti, bl-iskop li jigu evazi l-ligijiet tal-pajjiz, u b'dannu u b'detriment ghar-reputazzjoni tat-*trademark* u bi ksur ta' l-**artikolu 10 (6) tal-Kap 416.** F'dan is-sens din il-Qorti ma taqbilx ma' l-interpretazzjoni restrittiva li s-socjeta' konvenuta assenti rappresentata minn Dr. Anthony Ellul ippruvat taghti lill-*proviso* ta' l-imsemmi artikolu, anzi thoss li l-lanjanzi u l-mankanzi fil-kaz odjern rigward il-konsenja mertu tal-kawza odjerna jaqghu fil-parametri tal-ligi u in partikolari ta' l-artikolu msemmi.

Illi dwar il-*health warning* din kienet rilevanti u intuzat mis-socjeta' attrici biex tipprova li ghalkemm l-istess merkanzija kienet destinata ghall-Libja, tali mod ta' kif din saret lanqas kienet hemmhekk legali, u kontra din ix-xhieda ma ingabet l-ebda prova kontrarja – u *in verita'* s-socjetajiet konvenuti lanqas biss ippruvaw jikkontradixxu l-istess bi prova kontra – saret is-sottomissjoni li ma jafux x'inhi l-ligi tal-Libja; pero' certament b'dan il-mod kull ma ghamlet is-socjeta' konvenuta kien biss li tahrab mill-inkwadru ikbar ta' provi f'din il-kawza, fejn il-provi kollha jindikaw li l-iskop li tali merkanzija ghamlet dan it-tragitt, u bil-mod kif l-istess merkanzija kienet mahzuna, kien biss sabiex isir spaccar illegali ta' l-istess prodott, u l-prova tal-*health warning* kif kienet, kienet prova u indizzju ulterjuri ta' l-iskop illegali ta' l-ispedizzjoni ta' l-istess merkanzija, bi ksur tad-drittijiet tas-socjeta' attrici u b'dannu ghar-reputazzjoni ta' l-istess.

Illi l-allegazzjoni li f'Malta setgha kien hemm sigaretti bl-istess tip ta' *health warning* ma jfissirx b'daqshekk tali *health warning* hija legali.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha u l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti

kollha qed jigu michuda, inkluza dik dwar l-allegata nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti, li wkoll ma giet bl-ebda mod sostanzjata.

Illi ghall-istess ragunijiet din il-Qorti thoss li l-kontro-talba tas-socjeta’ konvenuta Ryad Alsalheen Trading ghanda tigi michuda. Dan apparti l-fatt li jidher li l-istess merkanzija giet mizmuma mid-Dwana peress li din uzat il-poteri taghha abbazi ta’ l-**Kap 37.**

Illi jidher li ghalkemm is-socjeta’ attrici ghamlet talba abbazi ta’ l-**artikolu 5 tal-Kap 414** ma saret ebda prova li tali talba giet milqugha mid-Dwana skond kif jipprovdi l-**artikolu 5 (8) tal-Kap 414.** Anzi mill-provi jidher li d-Dwana zammet il-merkanzija skond il-poteri taghha abbazi tal-**Kap 37** u skond ix-xhieda ta’ l-ufficjal ta’ l-istess l-investigazzjonijiet bdew mid-Dwana indipendentement mis-socjeta’ attrici, u kien abbazi ta’ l-azzjoni tad-Dwana skond il-ligi li l-merkanzija giet mizmuma, u r-ricevuta f’dan is-sens, inghatat lir-rappresentant ta’ l-agent tal-vapur; din l-azzjoni kienet ghal kollox indipendenti mill-ittra datata 22 ta’ Ottubru 2004 mis-socjeta’ attrici, li saret wara li l-istess Dwana gja kienet hadet azzjoni *sua sponte* sabiex izzomm l-istess merkanzija. Ma hemm lanqas ebda prova li tali talba tas-socjeta’ attrici giet milqugha, ghalkemm jinghad li l-istess socjeta’ kienet qed tezercita d-drittijiet taghha, meta ghamlet din it-talba u ghalhekk minhabba dan kollu l-kontro-talba tas-socjeta’ Ryad Alsalheen Trading assenti minn Malta u kif rappresentata qed tigi michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjetajiet konvenuti kollha, kemm dawk rappresentati minn kuraturi deputati kif ukoll tas-socjeta’ Ryad Alsalheen Trading P.O. Box 47836 Dubai, United Arab Emirates, li taghha assuma l-atti Dr. Anthony Ellul, u b’hekk **tilqa’ t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-ispedizzjoni u/jew ricetazzjoni tal-konsenja ta’ sigaretti konsistenti f’527 kaxxa tal-marka Rothmans Royals fil-*Container* Numru 771602/7 maqbuda mid-Dwana fic-cirkostanzi kif premessi tikkostitwixxi uzu ta’ *trade mark* bi ksur tad-drittijiet ta’ l-attur *nomine* kif protetti mill-**Kap 416.**

2. Tordna illi l-istess konsenja ta’ sigaretti konsistenti f’527 kaxxa tal-marka Rothmans Royals fil-*Container* Numru 771602/7 tigi distrutta fi zmien qasir u perentorju ta’ tletin gurnata mid-data ta’ din is-sentenza u dan b’tali mod illi tali distruzzjoni tal-merkanzija indikata sservi sabiex tassigura li l-istess konsenja ta’ sigaretti ma tidholx fis-suq u dan kollox *ai termini* tal-**Kap 416.**

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet konvenuti, b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

Illi dwar il-kontro-talba, ghal dawn l-istess motivi, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tilqa’ t-tielet eccezzjoni tas-socjeta’ attrici fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha ghall-kontro-talba tal-konvenut Dr. Anthony Ellul nomine, **tichad it-talbiet ta’ l-istess konvenut Dr. Anthony Ellul nomine** *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez ta’ l-istess kontro-talba kontra l-konvenut Dr. Anthony Ellul *nomine.*

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------